Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imħallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 382 / 2018

**Il-Pulizija**

**[Spettur Godwin Scerri]**

**vs**

**Stephen Zawia**

Illum 17 ta' Jannar 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Stephen Zawia detenur tal-karta tal-identita Maltija 143902 L, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Nhar is-26 ta' Mejju, 2018, ghall-habta ta' 3.25hrs gewwa l-fond 44, ' Joe Pet' , flat 4, Triq in-Nawciera, San Pawl il-Bahar:

1. Ghamel lil Ann Christine Briffa u Oliver Briffa ngurji u jew theddid mhux imsemmija band' ohra fil-Kodci Kriminali jew hekk kien ipprovokat ingurja b' mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni;
2. U aktar talli bl-imgieba tieghu kkaguna lil Oliver Briffa u Ann Christine Briffa jibzghu li ser tintuza vjolenza kontrihom jew kontra l-propjeta taghhom jew kontra l-persuna jew propjeta ta' xi had mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra;

3. U aktar talli gab ruhu b' mod li ta fastidju lil Oliver Briffa u lil Ann Christine Briffa;
4. U aktar talli kien jaf jew missu kien jaf li kien ta fastidju ghal Oliver Briffa u Ann Christine Briffa;
5. U aktar talli minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew bi hwejjeg ohra iebsin, cioe statwetta ta' fekruna, waddabha, jew qabad armi ohra kontra l-persuni ta' Oliver Briffa u Ann Christine Briffa;
6. U aktar talli hebb kontra l-persuni ta' Oliver Briffa u Ann Christine Briffa minghajr ma darabhom;
7. U akatar talli volontarjament kiser il-paci pubblika u/ jew il-bon ordni b' ghajjat u / jew glied;
8. U akatar talli volontarjament hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehopr u cioe hgiega ta' tieqa propjeta ta' Oliver Briffa u Ann Christine Briffa liema hsara tammonta ghal €62.50.

Il-Qorti mitluba biex f' kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Ann Christine Briffa u Oliver Briffa kif ukoll ghall-familjari taghhom sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok piena applikabbli ghar-reat, turbot lill-hati b' obbligazzjoni tieghu nnifsu that penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-Qorti Art. 383 Kap 9.
Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar it-2 t' Ottubru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikolu 338 (DD), 339 (l) (b), 339 (l) (d), 339 (l) e) u 325 (l) (c) tal-Kodici Kriminali, sabet lill-imputat Stephen Zawia hati tal-ewwel, tal-hames, tas-sitt, tas-sebgha u tat-tmien imputazjoni u ikkundannatu ghal xahrejn (2) prigunerija li b' applikazzjoni tal-artikolu 28 A tal-Kodici Kriminali gew sospizi ghal zmien sena mill-lum. In oltre, ai termini tal-artikolu 28 H tal-Kodici Kriminali ordnat lill-imputat Stephen Zawia ihallas lil Oliver Briffa u Ann Christine Briffa is-somma ta' tnejn u sittin ewro (€62) fi zmien xahar mill-lum. Il-Qorti illiberat lill-imputat mit-teini, mit-tielet u mir-raba' imputazzjoni.

In oltre l-Qorti harget Ordni ta' Protezzjoni favur Oliver Briffa u Ann Christine Briffa bil-kundizzjonijiet elenkati fid-digriet moghti kontestwalment u li jifforma parti

integrali minn din is-sentenza. Il-Qorti spjegat l-import ta' din l-Ordni ta' Protezzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju ai termini tal-artikolu 28 A (4) u 28 H (7) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-import ta' din is-sentenza u x' jigri jekk jikkometti reat iehor punibbli bi prigunerija fi zmien sena u / jew jekk ma jhallasx l-amont fuq indikat fiz-zmien prefiss.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Stephen Zawia, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar is-17 t' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti sabiex jogħġobha:

1. Filwaqt li **tikkonferma** dik il-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant mhux ħati u lliberatu mit-tieni (2), it-tielet (3) u r-raba' imputazzjoni;

2. **Thassar** u **rirrevoka** l-parti tas-sentenza fejn sabet lill-appellant ħati tal-ewwel (1), il-ħames (5), is-sitt (6), is-seba' (7) u t-tminn (8) imputazzjoni u minflok **tillibera** lill-appellant minn kull imputazzjoni, htija u piena;

3. F' kull każ u sussidjarjament, **tirriforma** l-parti tas-sentenza konċernanti l-piena inflitta fil-konfront tal-appellant u minnflok tinfliġġi piena aktar idonea skont ic-ċ-ċirkostanzi ta' dan il-każ;

Dan taht dawk il-provvedimenti kollha li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha li huma xierqa u opportuni fiċ-ċirkostanzi.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat Illi l-aggravji tal-appellat huma ċari u manifesti, u jikkonsistu fis-segwenti:

Illi l-appellant ser ikun qiegħed jinterponi dan l-umil appell kemm mill-apprezzament tal-provi tal-każ odjern illi għamlet l-Ewwel Onorabbli Qorti u kif ukoll mill-piena erogata fil-konfront tiegħu.

a) **Apprezzament tal-Provi Prodotti**

Illi qabel xejn l-esponent jirrileva illi l-unika prova li inġabet kontra tiegħu kienet il-verżjonijiet u x-xhieda tal-kunjugi Oliver u Christine Ann Briffa, xhieda li straħet fuqha l-Ewwel Onorabbli Qorti;

Illi fil-kaz odjern, mhux talli mix-xhieda tal-konjugi Briffa jirriżulta li ma kienux qiegħdin jgħidu mis-sewwa, talli kemm fil-verżjoni inizjali li taw lill-pulizija dakinhar tal-inċident u ċioe nhar is-26 ta' Mejju tas-sena 2018, talli fir-rapport tal-pulizija kif ukoll fix-xhieda minnhom mogħtija quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti nhar it-2 ta' Ottubru 2018 tesiżti diskrepanza fis-sekwenza ta' kif ġraw il-fatti, u dan kif ser jiġi spjegat aktar ' il quddiem f' dan ir-rikors tal-appell:

Filwaqt illi fl-affidavit ta' PC 312 J. Sultana u PC 351 P. Camilleri, l-ewwel verżjoni illi ta' Oliver Briffa nhar is-26 ta' Mejju 2018 fis-siegħat bikrin ta' filgħodu kienet illi "*x' ħin tkissret* (jirreferi għat-tieqa) *huwa semgħa xi passi u malli ħareġ ma sab lil ħadd*". L-istess verżjoni tikkonfermahha mart Oliver Briffa, Christine Ann Briffa, nhar it-2 t' Ottubru 2018 quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti fejn xhiedet li kien il-ħoss li semgħu il-fattur li qajjimhom. Dan ifisser li la huma semgħu l-ħoss minn ġewwa l-appartament tagħhom u Oliver Briffa ħareġ barra halli jara x' kien għadu kemm ġara, huwa ma seta' qatt jara lill-persuna li allegatament waddbet il-fekkruna u b' konsegwenza t' hekk tkissret il-ħġieġa tat-tieqa. Madankollhu kien biss fix-xhieda mogħtija nhar it-2 t' Ottubru 2018 mill-konjugi Briffa, ħames (5) xhur minn meta seħħ l-akkadut li Oliver Briffa għażel li jgħid illi meta huwa ħareġ mill-bieb tal-appartament tiegħu, huwa sab lill-appellant.

Huwa evidentament car u manifest illi Oliver Briffa, għalkemm ma rax il-persuna tal-appellant allegatament iwaddab il-fekkruna u konsegwenza t' hekk tinkiser il-ħġieġa tat-tieqa tal-komun, kienet l-intenzjoni tiegħu illi jwaħħal fl-appellant, tant illi

skont l-affidavit ta' PC 312 J. Sultana u PC 351 P. Camilleri, Oliver Briffa kompla jinsisti li kien Stephen Zawia li kisser il-ħġieġa, anke meta l-istess pulizija ġibdulu l-attenzjoni li provi kontra Zawia ma kienx hemm. Ġialadarba meta ħareġ fil-komun Oliver Briffa ma lemaħ lill-ħadd, hija biss spekulazzjoni li l-ħġieġa ġiet imkissra mill-appellant innifsu.

Illi d-diskrepanza fix-xhieda ta' Oliver Briffa nibtet sa minn dakinhar stess li ġara l-inċident fejn skont l-ffidavit ta' PC 312 J. Sultana, PC 351 P. Camilleri u dak dedott fir-rapport tal-pulizija, huwa nġibditlu l-attenzjoni li x-xhieda tiegħu ma kinitx taqbel ma' xhieda oħra.

Illi inkonsistenza oħra hija li nhar it-2 t' Ottubru 2018 fix-xhieda tiegħu Oliver Briffa jgħid illi Zawia ma qallu xejn. Għalhekk jekk Zawia ma lissen xejn lil Oliver Briffa, l-akkużi fejn huwa hedded u kiser il-paċi pubblika żgur ma setgħu qatt jissussistu.

Illi skont l-affidavit ta' PC 312 J. Sultana u r-rapport tal-pulizija wieħed jista' evidentement jara illi kien wara ġimgħatejn minn meta ġara l-inċident in diżamina meta l-konjugi Briffa marru jiġbru kopja tar-rapport fejn deliberatament għażlu li jżidu li dakinhar tas-26 ta' Mejju 2018 Stephen Zawia kien ħebb għalihom. Sussegwentement, huma ġew imwissija illi dakinhar tal-inċident naqsu li jsemmu li Zawia kien ħebb għalihom. Evidentement, li kieku Zawia ħebb għal xi ħadd mill-konjugi Briffa, kien ikun punt kruċjali illi kellhu jingħad lill-pulizija dakinhar stess illi marru fuq il-post. Ghalhekk din kienet biss manuvra tal-konjugi Briffa sabiex tinstab ħtija fl-appellant. *In oltre*, Oliver Briffa jonqos milli jispeċifika b' liema mod Zawia allegatament kien ħebb ghalih. Naturalment, naqas milli jagħmel hekk għax huwa fl-ebda ħin ma ġie aggredit mill-appellant. Kienet Christine Ann Briffa li ogħġobha tixhed quddiem l-Ewwel Onorabbli Qorti li l-allegatament l-appellant ħebb għal żewġha billi tah daqqa ta' ponn, fattur illi Oliver Briffa dejjem naqas milli jsemmi.

Mela allura meta wiehed jiehu **apprezzament tal-kronoloġija** ta' kif sehhu l-fatti skont il-**verżjonijiet varji tal-konjugi Briffa**, jista' jiġi dedott illi fl-ewwel verzjoni meta huma semgħu hoss, ħarġu barra l-bieb tal-appartament tagħhom u ma sabu lil ħadd. Sussegwentement Oliver Briffa allegatament sab lill-appellant quddiemu, wara din ġiet eskalat tant illi ingħad li l-appellant ħebb ghal Oliver u dakinhar tax-

xhieda Christine Ann Briffa għazlet li tgħid illi żewġa qala daqqa ta' ponn mingħand l-appellant. Huwa faċli illi wieħed jivvinta l-inġurji, pero' tajjeb illi wieħed iżomm f' moħħu illi min jallega jrid jipprova u Oliver Briffa żgur illi naqas li jġib provi rigward dan, *se mai*, l-unika prova, ix-xhieda tiegħu, kif diġa ġie stipulat, hija xejn ħlief verżjonijiet kunfliġġjenti. Għalhekk huwa ferm evidenti li x-xhieda tal-konjugi Briffa kienet kollox minbarra kunsistenti u l-appellant wisq jibża' illi dawn il-verżjonijiet iżżejjnu maż-żmien sakemm laħqu il-kulminu tagħhom u dan bl-unika skop illi tinstab ħtija fil-konfront tieghu.

Illi *di piu*, l-inkosistenza fix-xhieda tax-xhieda Oliver Briffa u Christine Ann Briffa ma ttiħditx in kunsiderazzjoni mill-Ewwel Onorabbli Qorti meta ġiet biex teżmina l-kaz odjern. Illi meta Qorti tiġi biex teżamina ix-xhieda, trid teżaminahhom *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kodiċi Kriminali, u ċioe:

*637. L-eċċezzjonijiet dwar waħda jew oħra mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 630, 633 u 636, jolqtu biss il-kredibbiltà tax-xhud, u fuq din, id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-**fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti**, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ:*

*Iżda attenzjoni partikolari għandha tingħata sabiex jiġi assigurat li evidenza relatata mal-istorja u l-imġiba sesswali tal-vittma ma tkunx permessa sakemm ma tkunx relevanti u neċessarja.*

Illi meta wieħed jiehu in konsiderazzjoni ta' rekwiżiti li jirrikjedi xhud *ai termini* tal-Artikolu 637 tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta, wieħed jinnota illi Oliver Briffa u Christine Ann Briffa żgur li ma jissodisfawx il-kriterju ta' xhieda konsisteni.

Għaldaqstant, bid-dovut rispett, ma kien xejn *safe and satisfactory* illi l-Ewwel Onorabbli Qorti ssib lill-appellant ħati tal-imputazzjonijit miġjuba kontra tiegħu, stante' illi ma kienx sodisfaċentament ippruvat illi l-appellant kien invlut fil-każ odjern, aħseb u ara kemm kien hu illi waddab il-fekkura u allegatment kisser il-ħġieġa tat-tieqa. F' dan ir-rigward jingħad, illi għalkemm appelli mill-apprezament tal-provi huma odjużi, u dan peress illi Qorti tal-Appell, normalment ma tiddistrubax l-apprezzament tal-provi magħmul mill-Ewwel Qorti, fil-każ odjern, dan huwa neċessarju, peress illi huwa manifest illi l-Ewwel Qorti ma setgħet qatt,

*safely u satisfactorily* tasal għall-konklużjoni li waslet għaliha, aktar u aktar *in vista* tal-inkonsistenza fil-provi prodotti.

Barra minn hekk, tajjeb illi wieħed jieħu in kunsiderazzjoni wkoll dak li Linda Margaret Rhodes qalet lill-pulizija dakinhar tal-inċident fejn fl-affidavit tagħhom PC 312 J. Sultana u PC 351 P. Camilleri jgħidu illi hija qaltilhom illi din ma kinitx l-ewwel darba li l-konjugi Briffa tefgħu xi oġġetti fuq il-bejt tagħha.

Għalkemm il-ġurisprudenza f' dan ir-rigward hija waħda kopjuża, se jiġu ċitati xi każijiet illi jispjegaw ċar, meta l-Qorti tal-Appell għandha tissindika d-diskrezzjoni eżerċitata mill-Ewwel Qorti f' dak li huwa apprezzament ta' provi.

Fil-kaz **<u>Il-Pulizija vs Noel Buhagiar</u>**, deċiż nhar l-għaxra (10) t' April tas-sena elfejn u tmienja (2008) fl-Appelli Inferjuri, il-Qorti spjegat hekk:

*Illi dan l-appell hu impernjat fuq l-apprezzament tal-fatti li sar mill-ewwel Qorti. Issa, kif dejjem ġie ritenut minn din il-Qorti, l-Qorti tal-Appell ma tissostitwix id-diskrezzjoni w l-ġudizzju tagħha għal dak tal-Ewwel Qorti meta si tratta t' apprezzament tal-fatti, iżda tagħmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk il-konklużjoni li tkun waslet għaliha l-Ewwel Qorti fuq il-fatti li jkunu rriżultawlha setgħetx tasal għaliha fuq bażi ta' liġi w ta' raġjonevolezza. Fi kliem ieħor tara jekk dik il-konklużjoni kienetx wħhda "safe and satisfactory" fid-dawl tar-riżultanzi.*

Illi tenut dan biss, l-Ewwel Onorabbli Qorti diġa' ma kellhiex issib ħtija fl-esponent, stante' illi l-ebda prova illi tressqet mill-Prosekuzzjoni ma tefgħet l-ebda dawl fuq l-allegat involviment tal-esponent fil-każ odjern, u dan kollu jkompli jsaħħaħ l-argument tal-esponent illi Oliver Briffa u Christine Ann Briffa żeffnuh fl-istorja kollha sempliċiment sabiex jinstab ħati u stante' illi kif diġa' kien hemm argumenti bejn il-konjugi Briffa u l-esponent.

Fil fatt, mis-sentenza tal-Ewwel Onorabbli Qorti jidher biċ-ċar illi l-istess Qorti straħet biss fuq ix-xhieda li taw Oliver u Christine Ann Briffa. Illi bid-dovut rispett, ix-xhieda ta' Oliver Briffa ma tistax tkun prova li l-Qorti għandha tistrieħ fuqha u konsegwenza t' hekk tikkundanna persuna għal xahrejn (2) priġunerija sospiżi għal sena (1), u dan stante' l-fatt tal-imsemmija diskrepanza fil-verżjonijiet u x-xhieda mogħtija mill-konjugi Briffa.

Barra minn hekk, meta din l-Onorabbli Qorti ser terġa' tara l-atti proċesswali tal-każ odjern, ser tkompli tinnota kemm Oliver u Christine Ann Briffa iffabrikaw ix-xhieda u l-verżjonijiet minnhom mogħtija, u dan skont kif kien jaqbel lilhom.

Barra mill-fatt illi l-esponent, umilment iħoss, illli l-Ewwel Onorabbli Qorti ma setgħetx issibhu ħati tal-imputazzjonijiet miġjuba kontra tiegħu *safely and satisfactorily*, l-esponent jirrileva wkoll li l-Prosekuzzjoni ma rnexxilix tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raġuni illi l-esponent kien il-moħħ wara l-akkadut u/jew b' xi mod involut. Illi huwa l-oneru tal-Prosekuzzjoni li tressaq l-aħjar provi sabiex tikkonvinċi lill-Qorti li l-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant huma veri u dan għaliex kif jgħid Manzini fil-ktieb tiegħu Diritto Penale (Vol. III, Kap. IV, pagna 234, Edizione 1890):

"*Il così detto onero della prova, cioé il carico di fornire, spetta a chi accusa – onus probandi incumbit qui osservit*".

Huwa prinċipju bażiku pprattikat mill-Qrati tagħna fil-proċediment kriminali li, biex imputat jiġi ddikjarat ħati, l-imputazzjonijiet dedotti għandhom jiġu pruvati oltre' kull dubju raġjonevoli, cioé oltre kull dubju dettat mir-raġuni.

**b) <u>Piena Erogata</u>**

Illi l-appellant, qiegħed jinterponi dan l-umli appell ukoll fuq il-piena erogata kontra tiegħu fejn l-appellant qiegħed jilmenta illi l-piena erogata mill-Ewwel Onorabbli Qorti u ċioe' dik ta' xahrejn (2) priġunerija sospiżi għall-sena hija waħda sproporzjonata u eċċessiva tenut kont tac-ċirkostanzi.

Semghet lill-partijeit jittrataw il-kaz u dan fis-eduta tal-4 ta Dicembru 2018 fen l-partijiet talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat.

Rat l-affidavit mahluf minn **PC 312 J Sultana** fejn dan spjega illi nhar is-26 ta' Mejju 2018 ghall-habta ta xi 3.25a.m. waqt li kien stazzjonat l-ghassa tal pulizija il- Qawra, ircieva telefonata mill-Control room tal-Pulizija li gewwa l-fond 44' JoePet', Flat 6, Triq Nawciera, San Pawl il- Bahar kien hemm hafna storbju.

Il-pulizija tad-distrett marru fuq il-post indikat lilhom minnufih fejn sabu lil Oliver Briffa li kien ma martu u dawn fethu l-bieb tal-komun fejn dan Oliver stqarr " *illi persuna maskili li toqghod tahtu jigifieri fi flat numru 4 kien kissirlu l hgiega tat-tieqa li qieghda gol komun*[1]". Qallu wkoll li din il-persuna qabdet fekruna tal-fuhhar li kienet fil-komun u biha kisser il-hgiega. Stqarr ukoll "*illi x'hin tkisret huwa semgha xi passi u malli hareg ma sab il hadd*[2]".

Ix-xhud qal li setgha jinnota hgieg imkiser minn gol-komun li tghati ghall-gallerija ta Flat 6. Innota ukoll li fil-gallerija kien hemm ammont ta' hgieg imkisser.

Huwa ghalhekk nizel isfel fi flat numru 4 u hemmhekk sab persuna maskili bil-mobile phone f'idu fejn infurmhom li kien qieghed f'kuntatt mal-pulizija jirraporta storbju kif ukoll minhabba li kien tkisser ta' hgieg. Dan gie mitkellem rigward ir-rapport li kien ghadu kif sar, fejn identifika ruhu bhala Stephen Abela li wara irrizuta li kien Stephen Zawia. Stqarr li gja kelu kazijiet ma min joqghod fi flat 6 pero' din id-darba ma kienx hu.

Waqt li kien fi flat numru 6 raw persuna femminili fuq il-bejt facccata tal-imsemmija gallerija u rawha tigbor xi haga minn ma l-art . PC 351 Pierre Camilleiri mar ikellimha. Din il-persuna irrizultat li hija Linda Rhodes Azzopardi u din stqarret li kienet semghet xi haga fuq l-bejt taghha titkisser u wara semghet hgiega tinkiser. Wara semghet persuna tghajjat ghall-ghajjut u li Oliver kien qed jiggieled ma martu. Qalet li ma kienitx l-ewwel darba li din il-koppja tefghu xi haga ghal fuq il-bejt taghha. Hemmhekk PC 351 innota li kien hemm fekruna tal-fuhhar imkissra fuq il-bejt taghha.

Ix-xhud kompla jghid li nhar it-8 ta' Gunju, 2018 l-konjugi Briffa marru l-ghassa jirraportaw li kienu ghadhom kemm gabru kopja tar-rapport li kien sehh fis-26 ta' Mejju u xtaqu izidu li dak in-nhar ta' l-incident Stephen Zawia kien hebb ghalihom ghalkemm ma kienx ikkagunalhom l-ebda griehi u li fir-rapport dan il-fattt ma keinx tnizzel. Qalilhom li hu stess kien fuq il-post dakinhar u li ma kienux qalulu b'dan il-fatt u Oliver qallu li kien agitat u beda jippanikja u jista' jkun ma nftiehimx sewwa.

---

[1] Afffidavit ta PC 312 a fol 3
[2] Afffidavit ta PC 312 a fol 3
2

**PC 351 P Camilleri** ikkonferma dak kollu li qal PC 312 J Sultana pero' zied jghid li meta telgha fuq il-bejt ta' Linda Azzoaprdi innota li l-fekruna li kien hemm imkisra fuq il-bejt taghha kien simili ghal dawk li kellu Briffa fil-gallerija tieghu. Minkejja li hu beda ighid lis-sur Briffa li provi kontra Zawia ma kellhomx Briffa baqa' jinsisti mieghu li kien Zawia li kisser it- tieqa bl-imsemmija fekruna.

Rat ix-xhieda moghtija minn **Oliver Briffa** nhar is-26 ta' Mejju 2018[3] viva voce il-Qorti. Dan spjega illi nhar is-26 ta' Mejju, 2018 huwa kien rieqed id-dar fi flat numru 6 'PetJoe', triq Nawciera, Qawra u sema xi hgieg jinkiser , hareg jigri u sab li l-bieb kien ghadu maghluq. Hareg mill-bieb tal- flat u sab ruhu fil-komun u sab lill-akkuzat ma wiccu u stasih ghaliex kien qed jghamillu hekk u kissirlu l-hgiega fissa tal-komun. Huwa esebixxa zewg ritratti li gew markati bhala dok OB1 u OB2.

Spjega illi huwa kellu fekruna fuq l-ixkaffa tal-common parts minn gewwa u din spiccat fuq in-naha l-ohra tat-triq fuq l-bejt ta' quddiemu. Qal li t-tieqa li kisser ma hix tieghu izda tal- komun. Mistoqsi x'qallu allegatament Zawia meta staqsih ghaliex kien qed jghamilu hekk u ikisser it- tieqa jghid li kien agitat u imbezza u kien qed jitrieghed ghax werwru. Mistoqsi ghalfejn jghamel hekk ighid li ma jafx jista' ikun li jghir ghalih. Mistoqsi jekk qatt qallu xi haga jghid li bil-kliem le.

Jispjega li meta fetah il-bieb u ra lil Zawia quddiem il-bieb tieghu dan nizel jigri u huwa mar jirraporta l-ghassa. Huwa esebixxa l-invoice flimkien ma kopja ta' cheque[4] fl-ammont ta €62.01 dwar il-hsarat fit-tieqa, liema dokument gie mmarkat bhala dok OB3[5].

**Christine Briffa** xehedet ukoll u kkonfermat li kienet fis-sodda ma' zewgha Oliver u qamu minhabba hoss qawwi ta' tkissir u Oliver mar dritt lejn il-bieb u sab lil Zawia quddiem il-bieb. Tghid li hija kienet wara zewgha u ratu hemmhekk ukoll. Taf li zewgha tkellem ma Zawia u qallu '*ara x'ghamilt*' u dak il-hin Zawia ta' daqq ta' ponn f'wicc zewgha. Qalet li t-tieqa nkisret permezz ta' fekruna li kellha fuq xkaffa fil-komun liema fekruna spiccat fuq il-bejt tal-faccata. Bdiet tghajjat ghall-ghajjut. Ikkonfermat li Zawia ilu sentejn jghix tahthom.

---

[3] Fol. 14
[4] Fol. 26
[5] Fol. 25 invoice mahruga mis socjeta ALuserv nhar it-28 ta Mejju 2018. Liema document gie konfermt minn Ben Vassallo seduta stant nhar is-26 ta Mejju 2018 fol. 37

**Linda Margaret Rohodes Azzopardi** stqarret li tghix fl-istess triq mal-parte civile faccata tieghu. Qalet li fil-lejl tas-26 ta' Mejju, 2018 kienet ghada kif poggiet lil missierha fis-sodda u semghet hoss qawwi fuq il-bejt u telghet tara x'gara u sabet li kien hemm fekruna u semghet lil Ann Chritine Briffa tghajjat l-ghajjut**.** Qalet li apparti lil Christine rat ukoll lil zewgha Oliver. Mistoqsija jekk ratx xi haga mhux normali fil-faccata fejn ighixu l-konjugi Briffa tghid li dak il-lejl ma rat xejn. Pero' l-ghada marret tara jekk kollox kien sew u nnotat li kien hemm il-hsara fil-proprjeta' taghhom u t-tieqa kienet imkisra. Mistoqsija jekk ratx lill-akkuzat tghid li ma ratux u ma tafux.

L-**imputat Stephen Zawia** xehed u qal li kien rieqed fil-lejl tas-26 ta' Mejju, 2018 u beda jisma' hafna storbju u ghajjat. Fetah il-bieb biex jittawwal u beda jisma hafna glied u ghajjat u fil-fatt haseb li kienu qed jiggieldu mal-flat tal-faccata. Jghid li fil-komun ma harigx pero' rega ghalaq il-bieb u dahal gewwa daru. Wara qabad it-telephone u cempel lill-pulizija.

Spjega li waqt li kien fuq it-telefon jitkellem mal pulizija tal-Qawra fuq il-post waslu dawk assenajti mar-Rapid Intervention. Il-Pulizija qalulu li kien kisser hgiega u fil-pront wegibhom 'xi hgiega hi din'. Talbuh jitla' fuq maghhom u tela'; fuq u dak il-hin hargu l-kwerelanti u sabuh fis-sular taghhom. Huwa nnega li kien kisser il-hgiega u fil-fatt jghid li xi jiem wara l-kwerealnti allega ukoll li kien tah daqqa f'wiccu u anke dan ma kienx minnu. Jghid ukoll li meta l-pulizija staqsew lil parte civile jekk rahx ikisser il-hgiega jghid li ma rahx. U fil-fatt stqarr '*nahseb li hu ghax ghandna l-problemi mieghu*'.

Mistoqsi x'kien qed jghamel ighid li kienu xi saghtejn neqsin kwart u kien fis-sodda bil-pigama izda l-ghajjat hasdu u kien ghalhekk li fetah il-bieb. Mistoqsi jekk rax lil xi hadd jiggieled jghid li ma seta jara lil hadd ghaliex kien fis-sular ta' isfel minn fejn kien gej l-ghajjat pero' jaf li kienu l-konjugi Briffa li qed jghajjtu ghaliex gharaf il-vuci taghhom. Il-kliem li beda' jisma kien oxxen bhala '*F'oxx kemm ghandek ja qahba…F'oxx kemm ghandek…fuck off*' pero' ma jistax jghid lil min kien indirizzat.

Spjega li waqt li kien fuq it-telefon jitkellem mal-pulizija gew tar-Rapid Intervention u sabuh bil-pigama id-dar. Mistoqsi x'lahaq qal lil pulizija tal-Qawra fuq it-telefon jghid li qallhom min fejn kien qed icempel u cioe' l-indirizz u li kien hemm ghajjat u

storbju. Mistoqsi in kontro esami jekk telghax fis-sular ta' fuq qabel ma gew il-pulizija ighid li le me lahaqx telgha. Fil-fatt mitoqsi in kontro esami xi semgha jghid li l-kliem oxxen semghu gej minn halq Oliver waqt li l-kliem bl-Ingliz '*fuck off you bastard*" kien gej minghand Anna.

Il-Qorti ezaminat ukoll l-okkorrenza esebita fl-atti peress li hemm il-versjoni tal-fatti kif moghtija mill-kwerelanti u mill-akkuzat a tempo vergine tal-investigazzjoni. Jirrizulta wkol dak li l-pulizija raw fuq il-post tal-incident dakinhar tas-26 ta' Mejju 2018. Jinghad f'dan ir-raport li l-pulizija tad-Distrett tal-Qawra kienu rcevew telefonata mill-control room li fil-fond mertu tal-kawza kien hemm hafna storbju. Il-Pulizija marru fuq il-post u hemmhekk sabu lill-kwerelanti Briffa fi stat ta' agitazzjoni u dawn allegaw li l-pesuna li tghix tahthom kient kisritilhom il-hgiega tal-common area. Il-pulizija nnotaw li in effetti tieqa imkissra verament kien hemm bil-hgieg ma l-art u fuq il-gallerija.

Il-Pulizija nizlu fis-sular ta' isfel u habtu mal-bieb numru 4 u hemmhekk hareg ragel bit-telefon f'idu li kien qed jitkellem mal-pulizija u dan kien qed jirraporta l-ghajjat, storbju u li kien hemm xi hgieg imkisser. Faccata tal-blokka raw persuna femminili fuq bejt u din kient qed tigbor xi hgieg u qaltilhom li semghet mara titlob l-ghajjut. Qalet ukoll li semghet lil din il-mara tghajjat ma haddiehor u li ma kientix l-ewwel darba li waddab xi haga ghal fuq il-bejt taghha. Pero' ma hemm indikat ghal min kienet qed tirreferi.

F'dan ir-rapport hemm imnizzel li s-sur Briffa qalilhom li l-fekruna li kien hemm fuq il-bejt ta din il-mara Azzopardi kient fuq xkaffa fl-indana komuni tieghu u li din twaddbet mill-komun tieghu kisret il-hgiega u spiccat fuq l-bejt taghha. Dan insista li l-fekruna twaddbet mill-akkuzat. Il-pulizija qalulu li l-verzjoni tieghu ma kient qed taqbel ma dak li qalet Azzopardi. L-Pulizija qalu fl-okkorenza li ma kienx hemm prova dwar min kien kisser il-hgiega.

Aktar tard u cioe' fit-8 ta Gunju 2018, tlettax-il jum wara l-akkadut il-konjugi Briffa marru l-ghassa tal-pulizija tal-Qawra fejn stqarrew li kienu gabru kopja tar-rapport tal-incient li kien sehh qabel nhar is-16 ta Mejju 2018 u xtaqu izidu li dakinhar l-akkuzat kien hebb ghalihom pero' ma kienx ikkagunlahom l-ebda ferita u li dan il-fatt ma kinx imnizzel fir-rapport originali. PC 312 li inzerta kien fuq l-post tal-

incident spjegalhom li dakinhar hadd minnhom ma kien allega dan u l-kwerelant Briffa stqarr dan kien ghaliex hu kien agitat u jista' jkun li ma infthiemx sew. Jidher ukoll li erbat ijiem wara kien cempel Dr. Zammti Maempel lil pulizja u talabhom biex johorgu dawn l-akkuzi ukoll fil-konfront tal-akkuzat. Ghalhekk cemplu lill-akkuzat u talbuh jghaddilhom stima tal-hsarat li kien allega li sofra.

Il-Pulizija harget tmien akkuzi fil-konfront tal-akkuzat fosthom dawk li allegatament kien aggredixxa lil Olicer Briffa pero' l-ewwel Qorti tal-Magistrati kienet sabet lill-akkuzat hati ta' l-ewwel, tal-hames, tas-sitt, tas- sebgha u tat- tmien akkuza u illiberatu mill-akkuzi l-ohra. Ghalhekk l-appell odjern jiccentra biss fuq dawk l-akkuzi fejn instab hati l-appellant.

Il-Qorti semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2018 fejn talbu lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza finali taghha.

Ikkunsidrat,

Illi l- aggravji tal-appellant jirrigwardaw l-apprezzament tal-provi traskritti li ghamlet l-ewwel Qorti. Issa hu principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti w sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kienetx ragjonevoli fil-konkluzzjoni taghha. Jekk izda din il- Qorti tasal ghall-konkluzzjoni li l-Ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni w konkluzzjoni (ara f'dan is-sens "inter alia" l-Appell Kriminali : "**Il-Pulizija vs. Raymond Psaila et**[6]."; "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. George Azzopardi**[7]"; "**Il-Pulizija vs. Carmel sive Chalmer Pace**[8]" ; "**Il-Pulizija vs. Anthony Zammit**[9]" u ohrajn .

---

[6] Deciza mill-Onor. Qorti tal-Appelli Kriminali nhar it-12 ta' Mejju 1994.
[7] Deciza mill-Onor. Qorti tal-Appelli Kriminali nhar l-14 ta' Frar 1989.
[8] Deciza mill-Onor. Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 2018.
[9] Deciza mill-Onor. Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-31 ta' Mejju 2018.

Illi appropozitu, din il-Qorti tirriferi ghal dak li nghad minn **LORD CHIEF JUSTICE WIDGERY** fil-kawza "**R. v. Cooper**[10]" (in konnessjoni mal-artikolu tal-ligi Ingliza s. 2 (1) (a) tal-Criminal Appeal Act, 1968) :-

*"assuming that there was no specific error in the conduct of the trial, an appeal court will be very reluctant to interfere with the jury's verdict (in this case with the conclusions of the learned Magistrate) , because the jury will have had the advantage of seeing and hearing the witnesses, whereas the appeal court normally determines the appeal on the basis of papers alone . However, should the overall feel of the case – including the apparent weakness of the prosecution evidence as revealed from the transcript of the proceedings – leave the court with a lurking doubt as to whether an injustice may have been done, then, very exceptionally, a conviction will be quashed.*[11]"

Illi fl-appell kriminali fil-kawza fl-ismijiet : "**Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**[12]", inghad illi :-

*"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji – kif normalment ikun hemm – xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat u, jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta…. , il-funzjoni , anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament. Biex din il-Qorti, kif del resto gieli ghamlet – tiddisturba l-gudizzju … , trid tkun konvinta li l-istess ma setghux, taht ebda cirkostanza ragjonevoli, jaghtu affidament lill-versjoni minnhom emmnuta."*

Illi dan ghaliex f'numru kbir ta' kawzi din il-Qorti bhala Qorti ta' revizjoni ma tkunx semghet hi x-xiehda kollha jixhdu viva voce kif tkun semghethom l-Ewwel Qorti, imma tkun qed toqghod biss fuq id-depozizzjonijiet traskritti u ghalhekk, fejn si tratta ta' valutazzjoni ta' kredibilita' ta' xhieda, l-ewwel Qorti jkollha vantagg ghax tkun semghet ix-xiehda u rat il-komportament taghhom fuq il-pedana tax-xhieda.

Ghalhekk din il-Qorti ma tissostitwix id-decizjoni tal-ewwel Qorti fuq apprezzament ta' fatti anki jekk ma taqbilx maghha, jekk l-ewwel Qorti setghet legalment u ragonevolment tasal ghal dik il-konkluzzjoni. Din il-Qorti pero' taghmel ezami

---

[10] ([1969] 1 QB 276

[11] Ara wkoll BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE (1991), p. 1392

[12] Deciza fl-1 ta' Dicembru, 1994

approfondit biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx fuq il-provi li kellha tasal b'mod "safe and satisfactory" ghall-konkluzzjoni ta' htija.

Ikkunsidrat ulterjorment.

Illi jinghad bhala principju kif sewwa allegat id-difiza fir-rikors tal-appell taghha li l-oneru tal-prova f'dawn il-kawza taqa' fit-totalita' taghha fuq il-prosekuzjoni u li d-difiza ma ghandha ghalfejn tipprova xejn u dan in ommagg mal-principju legali li l-akkzuat hu prezunt innocent u ghlahekk hija l-prosekuzzjoni li trid tipprova l-htija tieghu u mhux hu li ghandu jipprova l-innocenza tieghu.
Jinghad ukoll li din il-Qorti hija sprovvista milli taghmel analizi kif mitlub skond l-artikolu 637 tal-Kap 9 u cioe' li tanalizza l-komportament tax-xhud waqt li jkun fil-pedana tax-xhieda u dan ghakeix hija rinfaccjata biss bi provi dokumentajra u x-xhieda li nstemghet hija kollha traksritta u ghalhekk l-iskrutinju li trid tagheml din il-Qorti hija dik bazata biss fuq din ix-xhieda. Ghalhekk ma tistax tqis l-imgieba tax-xhieda tista tara jekk ix-xhieda li inghatat minnhom ghandhiex mis-sewwa u dan wara li tara kul prova ohra korroboratorja li tirrizulta mill-process billi tqis ic-cirkostanzi tal-kaz.

Huwa minnu ukoll li l-Qorti ghandha tqis u tapprezza dak li jiddisponi l-artikolu 638(2) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe :-

*638 (2) "B'dan kollu, f'kull każ, ix-xiehda ta' xhud biss, jekk emmnut minn min għandu jiġġudika fuq il-fatt, hija biżżejjed biex tagħmel prova sħiħa u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ġie ippruvat minn żewġ xhieda jew aktar"*

Illi f'dinil-kawza il-prosekuzzjoni ressqet bhala provi lill-konjugi Briffa li allegatament sofrew id-danni, l-pulizija li investigaw il-kaz a tempo vergine tal-incident u li marru fuq il-lok ftit ta' hin wara, lil Linda Margaret Rhodes Azzopardi li sabet il-fekruna imkisra fuq il-bejt taghha u d-difiza resqet lill-akkuzat jixhed minn jeddu u b'mod volontarju.

Illi jinghad li mix-xhieda ta' Briffa johorgu numru ta' inkonsistenzi li din il-Qorti sejra tissottolineja.

1. Fil-versjoni tal-fatti kif esposti minnu u spjegati lil PC 312 Sultana fl-affidavit tieghu dan jibda' billi jghid li l-akkzuat kissirlu l-hgiega bil-fekruna li kellu u wara ikompli jghid li sema passi u malli hareg ma sab lil hadd.[13]
2. PC 351 ukoll ighid fl-affidavit tieghu li dan qallu li meta fetah il-bieb ghax kien sema il-hsejjes ma sab lil hadd.[14]
3. Illi a tempo vergine dan ma jghidx li sema ghajjat u xi had jitlob l-ghajjut jghid biss li sema il hgiega tinkiser.
4. Fl-okkorenza pero' ighid li Briffa qal lil PC 312 li kien l-akkzuat li kisisrlu il-hgiega [15].
5. Meta xhed il-Qorti jghid li sema il-hsejjes u ghajjat u hgieg jinkiser u meta fetah il-bieb ra lill-akkzuat quddiem il-bieb.
6. Jinghad ukoll li a tempo vergine tal-investigazzjoni Briffa ma jghid xejn dwar l-akkuza numru 6 u cioe' li l-akkuzat hebb ghalih izda ken biss jiem wara li mar jirraporta li in effetti kien tah daqqa f'wiccu u meta PC 312 qallu li kien prezenti fil-lok ftit wara l-incident u ma kien qallu xejn, qallu li kien agitat u forsi ma fthiemux.

Fl-ebda hin pero' ma jghid li ra lill-akkuzat ikisaer il-hgieg u li wasal ghal dik il-konklulzjoni ghaliex gja kellhom incidenti bejniethom u li allegatament kien quddiem il-bieb tieghu. Jidher li fil-fehma tal-Qorti l-parte civile kien qed jipprova jipponta subajgh lejn il-gar tieghu l-akkzuat meta verament ma kellux x'jaqsam ma dan l-incident.

Minn naha l-ohra l-akkuzat jidher li kien konsistenti fix-xhieda tieghu u hija korroborata minn fatti esterni kif ser jigu elenkati.

1. L-akkzuat jghid li sema ghajjat u storbju u hgieg jinkiser u qam mis-sodda u cempel lill-pulizija u li waqt li kien ghadu go daru bit- telefon f'idejh gew il-pulizija.

[13] Fol. 3
[14] Fol. 6
[15] Fol. 12

2. PC 312 u PC 351 jikkonfermaw dan il-fatt.
3. L-akkuzat ighid li sema hafna ghajjat u storbju u hgieg jinkiser.
4. Linda Margaret Rhodes Azzopardi kkonfermat li semghet ghajjat u storbju u xi hadd ighajjat l-ghajjut. Dwar dan Briffa ma jghid xejn.
5. Illi x-xhud Azzopardi tghid li semghat l-ghajjat f'diversi okkazjnijiet ohra u dwaar dan Briffa ukoll ma jghid xejn.
6. L-akkzuat ighid li sema lil Oliver Briffa jghid *'F'oxx kemm ghandek'* u lil Catherine tghid *'Fuck off you bastard'*.
7. Illi dan hu kollu indizzju li fil-fatt kien hemm tilwima bejn il-konjugi Briffa u mhux bejn Briffa u l-akkuzat kif donnu ried jindika Oliver Briffa.

Jinghad li PC 312 fl-okkorenza jghid li l-verzjoni tal-fatti kif moghtija minn Briffa ma taqbilx mal-provi l-ohra li kellha l-proskeuzzjoni u inoltre jghid ukol li ma kienx hemm prova li tindika li kien l-akkzuat li kisser it-tieqa.

Jinghad li in effetti ma kien hemm l-ebda xhud okoulari li ra lill-akkuzat jkisser xi hgiega u l-indizzji kollha tal-kaz ma jipuntawx lejn l-akkzuat.

Illi ghalhekk stante li f'din il-kawza ma ngiebu ebda xhieda okulari tal-incident, il-Qorti trid l-ewwel taghmel apprezzament tax-xhieda u wara tara jekk hemmx xi prova cirkostanzjali jew indizzjarja li torbot lil imputat mar-reat in kwistjoni.

Dan qed jinghad ghaliex ghalkemm huwa veru li fil-kamp penali il-provi indizzjarji hafna drabi huma aktar importanti mill-provi diretti, hu veru wkoll li l-provi indizzjarji jridu jigu ezaminati b'aktar attenzjoni sabiex wiehed jaccerta ruhu li huma univoci.

Archbold fil-ktieb tieghu **Criminal Parctice**[16] b'referenza ghal dak li qal Lord Normand fil-kaz **<u>Teper v R</u>**[17] jghid:

"*Circumstantial evidence is receivable in Criminal as well as in Civil cases; and indeed, the necessity of admitting such evidence is more obvious in the former than in the latter; for in*

[16] 1997 edition para 10-3
[17] 1952

*criminal cases, the possibility of proving the matter charged by the direct and positive testimony of eye witnesses or by conclusive documents much more than in civil cases; and where such testimony is not available. The Jury are permitted to infer the facts proved other facts necessary to complete the elements of guilt or establish innocence. It must always be narrowly examined, if only because evidence of this kind may be fabricated to cast suspicion on another... It is also necessary before drawing the inference of the accused's guilt from circumstantial evidence to be sure taht there is no other co-existing circumstance which would weaken or destroy the inference ."*

Illi din hija ezattament il-posizzjoni hawn Malta, kif fil-fatt giet konfermata b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Emanuel Seisun**[18].

> I*l-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghal sentenza ohra moghtija wkoll mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija v Joseph Lee Borg***[19] *fejn kien gie ritenut li provi jew indizzji cirkostanzjali ghandhom ikunu univoci, cioe mhux ambigwi. Ghandhom ikunu indizzji evidenti li jorbtu lil akkuzat mar-reat, u hadd iktar, anzi l-akkuzat biss, li hu il-hati u li l-provi li jigu imressqa jkunu nkompatibbli mal-presunzjoni tal-innocenza tieghu.*

Illi huwa mportanti fl-isfond ta' dan il-kaz li jigi ppruvat li kien l-imputat biss li ghamel dak li gie akkuzat bih u ghalhekk il-Qorti sejra tikkonsidra kwalunkew prova possibilment cirkostanzjali li tista torbot lil imputat bir-reati addebitati lilu.

Fis-sentenza **Il-Pulizija v Carmelo Busuttil et**[20] kien intqal li

> "*il-prova indizzjarja ta' spiss hija l-ahjar prova, talvolta hija tali li tipprova fatt bi precizjoni matematika.*"

Din il-Qorti thoss u tghid li provi cirkostanzjali huma bhal katina li tintrabat minn tarf ghal tarf b'sensiela ta' ghoqiedi li jaqblu ma xulxin u li flimkien jwasslu fl-istess direzzjoni.

---

[18] Deciza mill-Onor. Qorti tal Appelli Kriminali nhar d-disgha ta' Jannar, 1998

[19] Deciza mill-Onor. Qorti tal Appelli Kriminali nhar il-hmistax ta' Gunju, 1998

[20] Deciza mill-Onor. Qorti tal Appelli Kriminali nhar is-sitta ta' Mejju, 1961

Ghalhekk fic-cirkostanzi din il-Qorti ma thoss li l-parte civile Oliver Briffa kien attendibbli.

Ghalhekk f'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma thossx li l-gudizzju li waslet ghalih l-ewwel Qorti kien wiehed 'safe u satisfacatory'.

Ghalhekk filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza fejn ma sabitx htija fil-konfront tal-akkzuat dwar it-tieni, it-tielet, ir-raba' akkuza qieghda tirrevoka fir-rigwad ta' din il-parti fejn sabithu hati tar-rimanenti akkuzi, l-ewwel, il-hames, is-sitt, is-sebgha u t-tmien akkuza u konsegwentement qed tilliberah minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur